MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 24/2015

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg fl-10 ta' Mejju 1997 u miz-zwieg taghhom kellhom tifel wiehed, Gabriel Hili, li twieled fis-26 ta' Gunju 2002 u ghalhekk ghadu minuri;

Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Reuben Debono fil-hmistax (15) Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012), kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok. A;

Illi l-partijiet kienu wkoll ftehmu dwar il-manteniment dovut u pagabbli mill-esponent versu martu u kif ukoll ghall-htigijiet tat-tifel minuri, liema manteniment dejjem thallas puntwalment permezz ta' standing order (vide Artikolu 4 tal-istess kuntratt ) ;

Illi ghalkemm kif inghad, il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-kontendenti gie ppublikat anqas minn erba` (4) snin ilu, l-istess kontendenti ilhom erba' snin mifruda *de facto* kif jidher car mill-lease agreement iddatat 4 ta' Jannar 2011, anness u mmarkat Dok. B.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u lanqas m'hemm jew qatt kien hemm xi kwistjonijiet bejniethom dwar manteniment;

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex a tenur tad-disposizzjoni tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, prevja s-smiegh tal-partijiet

kif mahsuh fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C, bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Gunju 2012 u ilhom de facto separate ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------